MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 559/2008

**E. Grech Cristal Bath Limited (C-13298)**

**Vs**

**Emanuel sive Frankie Schembri**
**Janice Schembri**
**Leslie Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Lulju 2008, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf erba mija u disghin Euro u tmenin centezmu (€1490.80), somma dovuta mill-konvenuti lis-socjeta` attrici rappresentanti bilanc fuq il-fattura numru 1510/06 mahruga fil-31 ta' Mejju 2006 ghal karma tal-banju bl-accessorji kollha kif elenkati fl-istess fattura (hawn annessa u mmarkata DOK EG1), liema

fattura baqghet sal-llum ma thallsitx kif jidher mir-rendikont anness u mmarkat DOK EG2.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv inkluz l-ispejjes tal-Mandati kawtelatorji ppresentati kontestwalment u ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Ottubru 2007 (ittra 6100/2007).

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2008 fejn dehru l-konvenuti kollha li taw ruhom b’notifikati bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh.

Ra illi fl-istess seduta il-konvenut Leslie Schembri ddikjara illi huwa kien lest illi jhallas l-ammont mitlub purche` illi dan isir bi hlasijiet mensili.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar 2009 fejn id-difensur tas-socjeta` attrici ddikjara illi minkejja dak verbalizzat fit-13 ta’ Ottubru 2008 mit-tlett konvenuti, minn dak in-nhar ma sar ebda pagament u ddikjara illi l-ammont riklamat ghadu dovut filwaqt illi talab illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi l-konvenuti kollha taw ruhom b’notifikat bl-Avviz tat-talba pero` kien biss il-konvenut Leslie Schembri illi ammetta it-talba attrici.

Fil-konfront taz-zewg konvenuti l-ohra – ghalkemm kontumaci, la tressqu xi provi u lanqas ma gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni.

Aktar minn hekk – it-Tribunal ma jistghax jiddeciedi l-kawza billi jakkolja t-talba attrici u jordna illi l-konvenuti jew min minnhom ihallas b’xi rati mensili jew mod iehor kif jixtieq il-konvenut Leslie Schembri.

Illi riskontrat b’dan, it-Tribunal irid bilfors jillibera lill-konvenuti Emanuel sive Frankie Schembri u Janice Schembri u jsib it-talba attrici ppruvata fuq ammissjoni fil-konfront biss ta’ Leslie Schembri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara ili ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici biss u limitatament fil-konfront tal-konvenut Leslie Schembri.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza u bl-imghax kif mitlub fl-Avviz kontra l-istess Leslie Schembri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------